KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 41** **Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fil-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Shirley Abela - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI:**
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea - Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera S. Abela u Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 40**
**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mixjin bil-*migration* tat-*telephones* min GO plc għal-Melita, u għandna nikkonkludi f'Jannar.

**REF: 37.3.3 Kommunikazzjoni – PA 9958/18 Demolition of Exisiting Public Convenience; Works Order 110/2021.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Perit tal-Kunsill bagħat illum biex ssir laqgħa fis-6 ta' Jannar. Is-Sindku u l-Viċi kkonfermaw li jistgħu jattendu.

**REF: 37.4.4 Magazine tal-Kunsill**
Is-Sindku nfurmat li l-Kunsillier Deguara għandu jiffinalizza l-*magazine*. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li għanda kuntrattur għal-*printing,* u fakkret wkoll li dejjem trid tinħareġ *works order* jew *purchase order*, għal kull biċċa xogħol li tingħata lil-kuntratturi tal-Kunsill.

Fis 6:25 daħal għal laqgħa l-Kunsillier Cassar.

Il-Kunsillier Cassar staqsa kemm ġej jiswa u kemm ser jkun fih paġni. Il-Kunsillier Deguara nforma li ser jkun fih madwar 200 paġna. Saret diskussjoni li peress li din id-darba il-*magazine* ħa jkun fih ħafna paġni, ġie ssuġġeriet biex jsir parti diġitali u parti *printed.*

Il-Kunsillier Deguara ħa jiċċekkja dwar kif ġej il-*layout* tal-*magazine,* kif wkoll kemm ħa jkun fih paġni, u jerġa jiġi diskuss jekk hux ħa jkun *printed* u/jew diġitali.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevejna xejn lura, wara l-ittra legali li ntbagħtet lil PAMA.

**REF: 37.4.9 Outdoor Gym**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellmet lil-kuntrattur u qed nistennew li jaslu l-*pots* li ġew ordnati.

**REF: 37.4.12 Triq il-Kbira (Main Street)**
Il-Viċi Sindku nforma li rċevejna l-kwotazzjoni mingħand il-Perit Pierre Zammit ta' tlett tipi ta' materjal, biex il-Kunsill jagħżel. Saret diskussjoni dwar il-materjal u uħud mil-membri preżenti qablu li l-bankina tkun tal-qawwi, għalkemm il-Kunsillier Cassar nforma li bħala prezz huwa għali. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kellu baġit ta' €200,000 biex jsiru bankini madwar il-Mosta, liema figura għada ma ntużatx kollha.

Fis 7:15 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara *item* 41.5.4 – Quarterly Report 3: July to September 2021.

Kif ġie spjegat il-*quarterly report,* Il-Kunsillier Cassar staqsa x'inhuma ir-*repairs and upkeep,* fejn is-Sur Galea spjega, li dawn huma, *patching,* bankini, tabelli etċ. li min baġit ta' €170,000 il-Kunsill nefaq €107,873. Is-Sindku nfurmat li l-€200,000 baġit għal-bankini kienu għalihom, fejn l-accountant ikkonferma li dawn qegħdin taħt proġetti kapitali li huma parti min-*urban improvements*, liema spiża attwali hija ta' €168,138. Il-Viċi staqsa min x'inhuma il €168,138, għax jista' jkun li hemm spejjez oħrajn inklużi li mhumiex bankini, għax il-Kunsill kien iddedika €200,000 għal bankini biss. L-accountant nforma li l-Kunsill kien wkoll għamel baġit ta' €500,000 fuq *special programmes.*

Il-membri preżenti talbu lil-accountant tal-Kunsill biex jipprovdi *breakdown* ta' €168,138, u approvaw li jsiru l-bankini ta' triq il-Kbira b'tal-qawwi, min San Remo sa Cauchi Stationery u titħallas id-differenza mil-Kunsill, mil prezz tal-konkos għal dak tal-qawwi.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nfurmat li għadna ma rċevejna xejn bħala pjanti min Infrastructure Malta ma rċevejna xejn bil-miktub.

Il-Kunsillier Cassar nforma li bejn Ħ-Attard u triq il-Mitħna, ingħata t-tarmak u saru l-linji però ma jidher xejn min fejn ser jgħaddi l-ilma, għax m'hemmx spralli, u għalhekk l-Kunsill jrid jara fejn ser jmur l-ilma li kien jinġabar f'dik il-biċċa. Il-Viċi nforma li saret *manhole* u għaddew *pipe,* għax kien ilmenta dak ta' l-irħam.

**REF: 37.4.18 Public Consultation Tarġa Gap, Żokkrija**
Il-Kunsillier Cassar spjega u qasam l-pjanta ta' kif ġiet diskussa u f'finalizzata fl-aħħar *traffic management committee,* wara li s-Sindku u l-Kunsillier Deguara ltaqaw mar-residenti, u ħadu l-*feedback* tagħhom. Din il-pjanta issa ħa terġa tintbagħat lir-residenti, biex jkunu jafu kif ser tintbagħat lil Transport Malta.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report**
Il-Viċi Sindku nforma li ltaqa mal-perit tal-Kunsill kif ma l-Inġinier mqabbad mil-Kunsill, fejn kellu jibgħat kwotazzjoni bir-rapport ta' xogħolijiet li hemm bżonn jsir, kif wkoll jagħmel eżerċizzju biex jistabbilixxi t-tunnellaġġ ta' vetturi li jistgħu jgħaddu min fuq il-*bridge*.
Kif nirċievu r-rapport il-Kunsill jagħmel it-tabella ta' tunnellaġġ, imma xogħol jrid jsir min Infrastructure Malta għax bħala spejjeż hemm eluf kbar.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Dawl tal-Pont**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-verità, dawn irridu noħorġu tender għalihom għax il-mudelli mitluba oriġinarjament ħsibna li kienu fuq il-BOQ tal-kuntrattur eżistenti.

Il-Viċi nforma li hemm bżonn jinħareġ tender għal-*security officer* fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u sakemm dan jinħareġ nistgħu naħdmu bil-kwotazzjonijiet li għandna.

**REF: 39.3.6 – Kommunikazzjoni – Xogħolijiet mil-Kuntrattur Elles.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet mal-kuntrattur u nfurmatu, li l-Kunsill jixtieq jagħlaq il-kontijiet pendenti fejn jidħlu xogħolijiet ta' *potholes patching.* Dawn jiġu evalwati mit-*traffic management committee*. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-kuntrattur għandu jibgħat kontijiet pendenti fejn dawn jiġu kkonfermati mal-ħruġ tal-*works orders*.

**REF: 40.3.2 Kommunikazzjoni - Bring-In-Sites**
Is-Sindku nfurmat li għalkemm din il-materja kellha tittella' reġjun, peress li ħa jinbidel il-president mhu qed jiġi approvat xejn.

**REF: 40.3.3 Kommunikazzjoni- Fire Alarm Mosta HC/Local Council**
Il-Kunsillier Cassar nforma li bagħat email però għadu ma rċeviex risposta.

**REF: 40.3.6 Kommunikazzjoni – Cleaning of Ġnien Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed titkellem mad-DLG biex jkollna linja gwida dwar iż-żieda li qed jitlob il-kuntrattur.

**REF: 40.3.7 Kommunikazzjoni – Petizzjoni fi Triq Sant Anna**
Is-Sindku nfurmat li tkellmet mar-residenti onlajn fejn infurmatom li taf bil-petizzjoni, u tressqet wkoll waqt laqgħa tal-Kunsill. Din il-petizzjoni trid tgħaddi għal konsultazzjoni.

**REF: 40.3.10 Kommunikazzjoni – Bandli Żokkrija Trenching**
Is-Sindku nfurmat li għal dan it-*trenching* ix-xogħol ser jsir mil-kuntrattur tal-Elles.

**REF: 40.4.16 – Tender Proġetti**
Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku jekk saritx il-laqgħa mal-Elles biex naraw li jista' jagħmel xogħolijiet fuq il-proġetti li għanda pendenti biex jkun jista' jibda. Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur qed jkompli jagħmel ix-xogħolijiet fuq il-proġetti li għanda, fejn kien tagħna l-ġurnata u żamm magħha u beda.

Il-Kunsillier Cassar staqsa li la issa ġie stabbilit li nistgħu naħdmu bil-kuntrattur tagħna, għad hemm il bżonn li jinħareġ tender? Is-Sindku nfurmat li jekk il-kuntrattur jaċċetta, jagħtina *time-frames* u jżomm magħhom, għal proġetti li l-Kunsill għandu, ma taħsibx li jkun hemm għalfejn jinħareġ tender biex jsiru x-xogħolijiet marbutin mal-proġetti, għalhekk għal Jannar ħa tiffissa laqgħa mal-kuntrattur, biex jiġu diskussi x-xogħolijiet.

**REF: 40.4.14 – Proġetti Parkour u Public Convenience**
Il-Kunsillier Cassar talab *updates* dwar il-Parkour, *public convenience.*

Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa *on-site* flimkien mal-Perit, is-*supplier* u z-żagħżagħ tal-Parkour, fejn iż-żagħżagħ qalu li l-*equipment* mhux daqshekk addattat biex jiġi prattikat il-Parkour għal-kbar, għalhekk ġie diskuss x'nistgħu nżidu, fejn is-supplier kien diġà ħalla post biex jsiru xi ħitan.

Kien hemm qbil li l-ewwel jiġi ċċertifikat mil-MCCAA anke minħabba *Health and Safety*, mbagħad napplikaw biex jkun hemm il-ħitan li ser jkun jikkumplimenta l-*equipment* u jkun parti mil-użu tal-Parkour. Qabel ma ssir it-tieni fażi jrid jkollna l-approvazzjoni mil-MCCAA.

Dwar il-*public convenience* ħa ssir laqgħa flimkien mal-Perit tal-Kunsill u l-Inġinier Galea Curmi nhar is-6 ta' Jannar.

**REF: 40.5.1 Mosta Community Park fi Triq il-Mitħna**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-Viċi kitibx lura lil Periti Portelli u Favata bil-*feedback* tal-Kunsill, biex il-ġibjun jkun akbar u jinbena ġibjun ieħor in-naħa l-oħra tal-mitħna. Il-Viċi nforma li għadu ma bagħatx.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-għada tal-laqgħa li kellna mal Wasteserv, nforma lil Onor. Alex Muscat x'ġie diskuss u qabel mal-punti li tressqu mil-Kunsill, u kellem lil-Ministru Aaron Farrugia biex jitkellem mal-Wasterv biex il-ġibjun jkun akbar, u jidher li hemm ftehim tramite il-Parks biex il-manutenzjoni ta' l-ewwel ħames snin jsir mil-Parks.

**REF: 40.3.8 Kommunikazzjoni – Applikazzjoni biex jinħareġ permess għal impjieg skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ħarġet l-approvazzjoni mid-DLG, il-*vacancy* ħarġet internament bejn il-Kunsill tagħna stess u d-*deadline* hija sat-22 ta' Diċembru 2021, jekk ma japplika ħadt, wara din id-data tintbagħat interna bejn il-Kunsilli, Tribunali u Reġjuni.

**REF: 40.5.3 - Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ma applika ħadt internament, l-*vacancy* ħarġet interna bejn il-Kunsilli, Tribunali u Reġjuni u d-*deadline* kienet sal-14 ta' Diċembru 2021. Ħadt ma applika allura issa ser nibgħatu l-Jobs Plus sabiex jibgħatulna lista tal-Part 1.

Fit-8:00pm il-Kunsillier Camilleri talab biex jiġi skużat.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 40.

**41.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**41.3.1 Kommunikazzjoni - Kors Presepju**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li waslitilna talba biex nerġgħu noffru s-sala b'xejn, biex jsir il-kors presepistiku bħall ma sar fl-2020 min David Debono. Kull min ser jattendi għal kors presepistiku, jrid jħallas €350.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li tingħata s-sala b'xejn.

**41.3.2 Kommunikazzjoni- Pottery Session għat-Tfal**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsillier Micallef nforma li z-żewġ sessjonijiet tal-*pottery sessions* ser jiswew €12 flok €10.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-ammont ta' €12, fejn il-Kunsill joħroġ 50% ta' l-ispejjeż.

**41.3.3 – Kommunikazzjoni – Cleansing MOU Update**

Is-Sindku nfurmat li qed jiġi kunsidrat li jsir MOU *agreement* mad-Dipartiment tal-Cleansing, biex jinġabar ir-rimi tal-kostruzzjoni, peress li ma jinġabarx mil-*bulky* u l-anqas ma l-iskart.
Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet mal-membri l-MOU, fejn spjegat li dan is-servizz ħa jiġi offrut b'xejn, u kull ma nħallsu huwa biss tar-rimi (*dumping fees).*

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex jiġi ffirmat l-MOU.

**41.3.4 – Kommunikazzjoni – Ħinijiet tal-Iskola Triq Grognet**

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien qabel biex jitmexxa l-ħin minħabba li l-istudenti qed jidħlu f'ħinijiet separati, imma min Settembru konna mexxejna il-ħinijiet lura għan-normal kif kienu qabel. Issa minħabba l-COVID irridu nerġgħu nirranġaw il-ħinijiet kif kienu qabel.

**41.3.5 – Kommunikazzjoni – Baned għall-Milied jew Sapport lil Għaqdiet**

Is-Sindku nfurmat li fiż-żmien il-Milied kienu joħorġu l-baned fit-toroq tal-Mosta, imma issa minħabba l-pandemija dan l-avveniment ta' daq tal-baned mhux ser jsir. Is-Sindku talbet approvazzjoni mil-membri preżenti biex nagħtu xi forma ta' għajnuna lil-għaqdiet, billi xorta jsir il-ħlas ta' daq lil-baned Nisolo Isouard u Santa Marija.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li xorta jsir il-ħlas lil-baned, li kienu bbukkjati li jdoqqu fiż-żmien il-Milied.

**41.3.6 – Korrispondenza – Tiġdid tal-leave għas-sena 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* tagħha ta' 96 siegħa.
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid tal-*leave* għas-sena 2022.

**41.3.7 Korrispondenza-Tiġdid tal-leave għas-sena 2022**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 37 siegħa, ta' Rita Galea.
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid tal-*leave* għas-sena 2022.

**41.3.8 Korrispondenza-Late Night Shopping**
Is-Sindku nfurmat li nhar il-ġimgħa 17 ta' Diċembru, ħa tkun organizzata *late night shopping* fil-ħwienet, fejn ħa tintbagħat ittra lil istabbilimenti.

**41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**41.4.1 – Pagamenti tal-handyman**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-pagamenti fix-xahar tal-*handman* qed jiżdiedu. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li it-*time sheet* tiegħu tkun iċċekkjata max-xogħol li jintalab li jagħmel. Is-Sindku nfurmat li qed jkun hemm ħafna xogħol ta' *overtime, case in point* huwa meta ntalab biex jirreġistra lil-parteċipanti għal-Presidents Fun Run.

**41.4.2 – Ittra tas-Sur Deguara**
Il-Kunsillier Deguara nforma li rċeva risposta mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq l-ittra li kien bagħat ħuh, liema ittra ma waslitx il-Kunsill. Is-Sur Deguara nforma li ħuh ċert li l-ittra ġiet impustata fil-*letter box* tal-Kunsill, u għalhekk il-Kunsillier Deguara reġa' ppreżenta kopja ta' l-ittra ta' ħuh ta' ringrazzjament lil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra lil-membri preżenti.

**41.4.3 – Skart fi Triq il-Pont**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li xi residenti lmentaw miegħu dwar xogħolijiet li qed jsir fi triq il-pont fejn qed jitħalla kwantità ta' ħmieġ bħal boroż mil-ħaddiema.

**41.4.4 – Permessi**
Is-Sindku nfurmat li kien sar qbil li ma jinħarġux permessi kull nhar ta' Tnejn u Sibtijiet fix-xahar ta' Diċembru. Tal-ħwienet avviċinaw lis-Sindku, u staqsew għaliex fil-ġimgħa tal-Milied, u bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena l-Kunsill ser jagħti permess lil-*boutique hotel* biex jġib *mixer* u jagħlaq quddiemhom fil-21 u fit-23 ta' Diċembru. Il-Viċi Sindku nforma li mhux is-sibt ser jkun, u s-Sindku nfurmat li għalkemm mhux is-Sibt, hija l-Ġimgħa tal-Milied.

Saret diskussjoni u l-Viċi nforma li l-aħjar jitkellmu ma Marlon biex jekk hemm bżonn dik il-ġimgħa ma jaħdmux. Il-membri preżenti qablu li tiġi diskussa *traffic management committee.*

**41.5 Rapporti**
**41.5.1 Update - Development Funds as at 15.12.2021**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**41.5.2 – Quarterly Report 3: July to September 2021**
L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea ppreżenta l-*quarterly report* min Lulju sa Settembru 2021, li huwa akkumulativ min Jannar sa Settembru.

Dħul tal-Kunsill mil-Gvern Ċentrali u *income* ieħor kien ta' €1,249,202, waqt li spejjez kien ta' €1,172,594. Bħala *surplus* fuq natura rikorrenti qegħdin €76,609.

Bħala *statement of financial position* il-Kunsill qiegħed b'*surplus* ta' €679,951 li hija FSI ta' 48%.

Fixed Assets *(property, plant and equipment)* hemm ftit inqas min €790,329, flus li l-Kunsill kellu jirċievi sa l-aħħar ta' Settembru kienu €52,159, u flus il-bank kien hemm €1,273,951. Għalhekk it-total tal-*current assets* huwa ta' €1,326,110 liema minnhom hemm kontijiet li għad jridu jitħallsu ta' €646,159, biex nispiċċaw b'*net current asset* ta' €679,951.

Il-membri preżenti approvaw il-*quarterly report.*

**41.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**41.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 123.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 24 ta' Novembru sal-15 ta' Diċembru 2021.

**416.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**41.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**41.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' Novembru 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**41.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-25 ta' Jannar 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 15 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |